

Brussell, 20 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15193/23

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0380(COD)

EF 345
ECOFIN 1148
CODEC 2080

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022³.
4. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 14378/21 + ADD 1 REV1 - ADD 2.

² ĠU C 307, 12.8.2022, p. 3.

³ ĠU C 290, 29.7.2022, p. 58.

⁴ 15027/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE CONS 44/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
